*ARTIKOLU 37 – KAP 234*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2001**

**Kawza Numru. 30**
**Citaz. Numru. 2611/99/RCP.**

**North of England Protecting & Indemnity Association Limited, socjeta` estera rappresentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Dr Vincent Galea u l-PL Sharon Mizzi li b'digriet ta' l-4 ta' Jannar 2000 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrappresentaw lil Valletta**

**Mediterranean Shipping Co Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process fejn is-socjeta' attrici ppremetiet:-

Illi s-socjeta konvenuta hija propjetarja tal-bastiment M.V. **MARE NOSTRUM** li huwa registrat hawn Malta;

Illi s-socjeta attrici hija kumpannija ta' assikurazzjoni li tipprovdi assikurazzjoni u soocjeta konvenuta bhala l-propjetarja tal-bastiment hawn fuq imsemmi kienet koperta mis-socjeta attrici ghal diversi riskji kemm a rigward ta' dan il-bastiment kif ukoll a rigward ta' bastiment iehor bl-isem “Ivan Chernykh", liema bastimenti Ikoll gew assikurati bhala “fleet entry" *ai termini* ta' Fleet Entry Rule, ProtEcting & Indemnity Class, Rule 10;

Illi in vista tal-premess s-socjeta konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta attrici ghall-"calls" u "premiums" li dovuti in konnessjoni mal-bastimenti "m.v. Mare Nostrum" u "m.v. Ivan Chernykh", liema ammont jammonta ghal sebgha u disghin elf sitt mija u hamsa u disghin dollaru amerikan (US$97,695.00)

kif jidher ahjar fl-anness prospett hawn markat bhala dok. 'A', b'riserva shiha tal-imghaxijiet u spejjez legali;

Illi sa fejn jafu l-istanti, l-unika propjeta' li s-socjeta' konvenuta ghandha huwa l-bastiment hawn fuq imsemmi u ghaldaqstant il-bastiment huwa l-unika propjeta' li tista' taghmel tajjeb biex jigi mhallas id-danni pretizi mis-socjeta' attrici;

Illi s-socjeta` attrici ghandha interess li tikkawtela l-kreditu bl-ahjar mod possibbli u fin-nuqqas ta' garanziji ohrajn effikaci, jezisti r-riskju illi l-istess kreditu dovut lis-socjeta attrici jigi eluz hekk kif il-bastiment jigi trasferit lil terzi jew kancellat mir-registru marittimu malti ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha interess illi, sabiex jigu kawtelati id-drittijiet taghha, l-imsemmi bastiment ma jigix trasferit lil terzi u ma johrogx mill-patrimonju tas-socjeta' konvenuta kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati aktar ipoteki fuq l-istess bastiment;

Illi, a tenur tal-artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tista', fuq talba tas-socjeta' attrici, essendo parti interessata u in kawtela tad-drittijiet taghha, tordna, li jigi projbit kull bejgh jew negozju ta' kwalsijasi natura fuq l-istess bastiment;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghnadiex ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment **M.V. MARE NOSTRUM,** u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati “mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal zmien li ghandu jigi specifikat minn din il-Qorti ghal dan il-ghan u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta'Malta; u

2. Tordna li kull ordni maghmula minn dina l-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` attrici kif ukoll id-dokumenti hemm esebiti minn fol 3 sa 8 tal-process;

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tat-30 ta' Novembru 1999 u d-digriet tal-Qorti fejn laqghet it-talba u ordnat

in-notifika mmedjata ta' l-istesss rikors lir-Registratur tal-Bastimenti.

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Jannar 2000 fejn Dr Vincent Galea u l-PL Sharon Mizzi gew mahtura bhala Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw lis-socjeta` Valletta Mediterranenan Shipping Co Ltd.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil kuraturi deputati li pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet a fol 32 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi huma mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

(2) Salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess kuraturi deputati.

Rat il-verbal ta' l-21 ta' Marzu 2000 fejn Dr Vince Galea bhala kuratur informa l-Qorti li ghandu jikkomunika mas-socjeta` konvenuta fl-indirizz moghti lilu. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha ghat-23 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju 2000 fejn Dr Louis Cassar Pullicino prezenta nota b'diversi dokumenti u ddikjara li m'ghandux aktar provi. Dr Galea talab

differiment biex jikkomunika ma l-assenti. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-13 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbali tat-13 ta' Gunju 2000 u tat-18 ta' Ottubru 2000 fejn peress li din kienet it-tieni darba li nzammet seduta ghall-provi kollha tal-konvenuti li ma ngabux, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-6 ta' Dicembru 2000.

Rat ir-rikors ta' l-konvenut kuratur nomine tat-18 t'Ottubru 2000 u d-digiet tal-Qorti ta' l-20 ta' Ottubru 2000 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta u d-digriet taghha tas-16 ta' Novembru 2000 fejn rat li r-rikors gie debitament notifikat bla risposta intimata. Ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat is-sospensjoni ghall-prolazzjoni tas-sentenza b'dan li l-istess kuraturi ghandhom iressqu l-provi taghhom fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Vince Galea bhala Kuratur talab l-ahhar differiment biex iressaq il-provi skond kommunikazzjoni li esebixxa bhala Dok VG1. Dr Louis Cassar Pullicino irrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba tal-Kuratur ghall-differiment b'dan li l-kawza giet differita deffinittavament ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti bl-intiza cara li wara dak in-nhar il-

kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Jannar 2001 ghall-provi kollha tal-konvenuti.

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2001 fejn Dr Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` attrici nforma l-Qorti li l-bastiment in kwistjoni jinsab issekwestrat l-Italja u ghandu nformazzjoni li ghaddejjin proceduri biex jinbiegh bis-subbasta fl-Italja stess. Dr Vincent Galea u l-PL Sharon Mizzi msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Peress li l-kawza kienet differita ghal din is-seduta ghall-provi kollha tal-konvenuti skond digriet tas-6 ta' Dicembru 2000 u l-kuraturi lanqas biss tfaccaw u lanqas ressqu provi, l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2001. Aktar tard deher Dr V Galea li ha konjizzjoni tal-verbal tallum u nforma l-Qorti li ma sema' xejn mis-socejta` estera.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici, a fini ta' din il-kawza, gew ilkoll ippruvati kemm bil-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata, kif ukoll bid-dokumenti ezebiti, u inoltre l-istess allegazzjonijiet ma

gew bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet dedotti fic-citazzjoni ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kuraturi Deputati, **tilqa` t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni b'dan li:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment **M.V. MARE NOSTRUM,** u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal perjodu sakemm jithallsu il-krediti tas-socjeta` attrici kemm il-darba dawn jigu kannozzati b'dan li s-socjeta` attrici ghandha jekk ghadha ma resqitx sallum il-pretensjonijiet taghha bil-mod kif previst fl-**artikolu 37 tal-Kap 234** tal-Ligijiet ta' Malta, totempora ruhha mad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 37 tal-Kap 234** sabiex fi zmien tmient' ijiem millum tipprocedi ghal dak il-kreditu jew krediti bil-mod stabbilit bl-istess **artikolu 37** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess artikolu.

2. Tordna li din l-ordni maghmula minn din il-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin a tenur tal-istess **artiklu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2001**